IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

IR-RAPPREŻENTANT GĦOLI TAL-
UNJONI GĦALL-
AFFARIJIET BARRANIN U L-
POLITIKA TA' SIGURTÀ

Brussell, 15.7.2022
JOIN(2022) 37 final/2
Downgraded on 9.2.2023

2022/0224 (NLE)

Proposta Konġunta għal

REGOLAMENT TAL-KUNSILL

li jemenda r-Regolament (UE) Nru 269/2014 dwar miżuri restrittivi fir-rigward ta' azzjonijiet li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

(1) Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 269/2014 dwar miżuri restrittivi fir-rigward ta' azzjonijiet li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna jagħti effett lil miżuri restrittivi previsti fid-Deċiżjoni 2014/145/PESK.

(2) Fi XXX 2022, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni XXXX li temenda d-Deċiżjoni 2014/145/PESK, li permezz tagħha introduċa deroga ulterjuri mill-iffriżar tal-assi u mill-projbizzjoni li l-fondi u r-riżorsi ekonomiċi jkunu disponibbli għal persuni u entitajiet dežinjati sabiex avveniment li x'aktarx ikollu impatt serju u sinifikanti fuq is-saħħa u s-sikurezza tal-bniedem jew l-ambjent jiġi evitat jew mitigat b'mod urġenti. Fid-dawl tal-pożizzjoni determinata tal-Unjoni li tevita u tiġġieled l-insigurtà tal-ikel u tal-enerġija madwar id-dinja, id-Deċiżjoni (PESK) 2022/XXX testendi wkoll l-eżenzjoni mill-projbizzjoni mill-iffriżar tal-assi u l-projbizzjoni li l-fondi u r-riżorsi ekonomiċi jsiru disponibbli għal entitajiet speċifiċi magħżula għal prodotti agrikoli.

(3) Sabiex tiġi żgurata implimentazzjoni effettiva u uniformi tar-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 269/2014, huwa xieraq li l-persuni u l-entitajiet dežinjati b'assi fil-ġurisdizzjoni tal-Unjoni jiġu obbligati jirrapportawhom u jikkooperaw mal-awtorità kompetenti fil-verifika ta' dan ir-rappurtar. Huwa xieraq ukoll li jissaħħu d-dispożizzjonijiet dwar l-obbligi ta' rapportar għall-operaturi tal-UE, bil-ħsieb li jiġi limitat il-ksur u ċ-ċirkomvenzjoni tal-iffriżar tal-assi.

(4) Hija meħtieġa aktar azzjoni mill-Unjoni sabiex dawn il-miżuri jiddaħħlu fis-seħħ fid-dritt tal-Unjoni.

(5) Ir-rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà u l-Kummissjoni Ewropea jipproponi li r-Regolament (UE) Nru 269/2014 jiġi emendat skont dan.

2022/0224 (NLE)

Proposta Konġunta għal

REGOLAMENT TAL-KUNSILL

li jemenda r-Regolament (UE) Nru 269/2014 dwar miżuri restrittivi fir-rigward ta' azzjonijiet li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 215 tiegħu

Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2014/145/PESK tas-17 ta' Marzu 2014 dwar miżuri restrittivi fir-rigward ta' azzjonijiet li jipperikolaw jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna[1],

Wara li kkunsidra l-proposta konġunta tar-Rappreżentanta Għolja tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà u tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

(1) Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 269/2014 dwar miżuri restrittivi fir-rigward ta' azzjonijiet li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna jagħti effett lil miżuri restrittivi previsti fid-Deċiżjoni 2014/145/PESK.

(2) Fi XX YY 2022, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni XXXX li temenda d-Deċiżjoni 2014/145/PESK, li permezz tagħha introduċa deroga ulterjuri mill-iffriżar tal-assi u mill-projbizzjoni li l-fondi u r-riżorsi ekonomiċi jkunu disponibbli għal persuni u entitajiet dežinjati sabiex avveniment li x'aktarx ikollu impatt serju u sinifikanti fuq is-saħħa u s-sikurezza tal-bniedem jew l-ambjent jiġi evitat jew mitigat b'mod urġenti.

(3) Fid-dawl tal-pożizzjoni determinata tal-Unjoni li tevita u tiġġieled l-insigurtà tal-ikel madwar id-dinja, u sabiex jiġi evitat tfixkil fil-kanali ta' pagament għal prodotti agrikoli, id-Deċiżjoni (PESK) 2022/XXX tintroduċi wkoll deroga mill-iffriżar tal-assi u l-projbizzjoni li l-fondi u r-riżorsi ekonomiċi jitqiegħdu għad-dispożizzjoni tal-banek magħżula.

(4) Id-Deċiżjoni XXXX tippermetti wkoll derogi għall-istralċ ordnat ta' operazzjonijiet, inkluż servizzi bankarji korrispondenti, ma' bank wieħed magħżul.

(5) Sabiex tiġi żgurata implimentazzjoni effettiva u uniformi tar-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 269/2014, huwa xieraq li l-persuni u l-entitajiet dežinjati b'assi fil-ġurisdizzjoni tal-Unjoni jiġu obbligati jirrapportaw dawn l-assi u jikkooperaw mal-awtorità kompetenti fil-verifika ta' dan ir-rappurtar. Huwa xieraq ukoll li jissaħħu d-dispożizzjonijiet dwar l-obbligi ta' rapportar għall-operaturi tal-UE, bil-ħsieb li jiġi limitat il-ksur u ċ-ċirkomvenzjoni tal-iffriżar tal-assi.

[1] ĠU L 078, 17.3.2014, p. 16.

(6) Dawn l-emendi jaqgħu' fl-ambitu tat-Trattat u għalhekk hija neċessarja azzjoni regolatorja fil-livell tal-Unjoni sabiex jiġu implimentati, b'mod partikolari bl-intenzjoni li tiġi żgurata l-applikazzjoni uniformi tagħhom fl-Istati Membri kollha.

(7) Għalhekk jenħtieġ li r-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 269/2014 jiġi emendat skont dan.

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 269/2014 huwa emendat kif ġej:

(1) fl-Artikolu 6b(3), il-punt (a) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(a) il-fondi jew ir-riżorsi ekonomiċi huma neċessarji għall-bejgħ u t-trasferiment mill-31 ta' Diċembru 2022 jew fi żmien 6 xhur mid-data tad-dażinjazzjoni tal-Anness I, liema tkun l-aktar drittijiet ta' proprjetà riċenti f'persuna, entità jew korp fiżiċi stabbiliti fl-Unjoni fejn dawk id-drittijiet ta' proprjetà huma sjieda diretta jew indiretta ta' persuna, entità jew korp fiżiċi jew ġuridiċi elenkati fl-Anness I; u,"

(2) Fl-Artikolu 6b għandu jiddaħħal il-paragrafu li ġej:

"2 a. B'deroga mill-Artikolu 2, l-awtoritajiet kompetenti ta' Stat Membru jistgħu jawtorizzaw ir-rilaxx ta' ċerti fondi jew riżorsi ekonomiċi ffriżati li jappartjenu lill-entità elenkata taħt in-numru tal-entrata *[ĠU: jekk jogħġbok daħħal in-numru tal-listi li għadhom kif ġew adottati u li jikkonċernaw l-entità bankarja]* fl-Anness I, jew it-tqegħid għad-dispożizzjoni ta' ċerti fondi jew riżorsi ekonomiċi lil dik l-entità skont dawk il-kundizzjonijiet li l-awtoritajiet kompetenti jqisu bħala xierqa u wara li jkunu ddeterminaw li tali fondi jew riżorsi ekonomiċi huma meħtieġa għat-terminazzjoni sa *[ĠU: jekk jogħġbok daħħal id-data 6 xhur wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament]*, ta' operazzjonijiet, kuntratti, jew ftehimiet oħra, inklużi relazzjonijiet bankarji korrispondenti, konklużi ma' dik l-entità qabel *[ĠU: jekk jogħġbok daħħal id-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament]."*

(3) Jiddaħħal l-Artikolu li ġej:

"Artikolu 6d

"1. B'deroga mill-Artikolu 2, l-awtoritajiet kompetenti ta' Stat Membru jistgħu jawtorizzaw, taħt dawk il-kondizzjonijiet li huma jqisu xierqa, ir-rilaxx ta' ċerti riżorsi ekonomiċi ffriżati, wara li jkunu ddeterminaw li:

(a) ir-rilaxx ta' tali riżorsi ekonomiċi jkun meħtieġ għall-prevenzjoni jew il-mitigazzjoni urġenti ta' avveniment li x'aktarx ikollu impatt serju u sinifikanti fuq is-saħħa u s-sikurezza tal-bniedem jew tal-ambjent; kif ukoll

(b) ir-rikavati li jirriżultaw mir-rilaxx ta' tali riżorsi ekonomiċi jiġu ffriżati.

2. L-Istat Membru kkonċernat għandu jinforma lill-Istati Membri l-oħrajn u lill-Kummissjoni bi kwalunkwe awtorizzazzjoni li jagħti skont il-paragrafu 1 fi żmien ġimagħtejn mill-awtorizzazzjoni."

(4) Jiddaħħal l-Artikolu li ġej:

“Artikolu 6e

1. B’deroga mill-Artikolu 2, l-awtoritajiet kompetenti ta’ Stat Membru jistgħu jawtorizzaw ir-rilaxx ta’ ċerti fondi jew riżorsi ekonomiċi ffriżati li jappartjenu lill-entitajiet elenkati taħt in-numri tal-entrata 53, 54, 55, 79, 80, 81, 82 *[ĠU: jekk jogħġbok daħħal in-numru tal-lista li għadha kif ġiet adottata dwar l-entità bankarja]* fl-Anness I, jew it-tqegħid għad-dispożizzjoni ta’ ċerti fondi jew riżorsi ekonomiċi lil dawk l-entitajiet skont dawk il-kundizzjonijiet li l-awtoritajiet kompetenti jqisu bħala xierqa u wara li jkunu ddeterminaw li tali fondi jew riżorsi ekonomiċi huma meħtieġa għax-xiri, l-importazzjoni jew it-trasportazzjoni ta’ prodotti agrikoli u alimentari, fosthom il-qamħ u l-fertilizzanti.

2. L-Istat Membru kkonċernat għandu jinforma lill-Istati Membri l-oħrajn u lill-Kummissjoni bi kwalunkwe awtorizzazzjoni li jagħti skont il-paragrafu 1 fi żmien ġimagħtejn mill-awtorizzazzjoni.”

(5) Fl-Artikolu 8, il-paragrafu 1 huwa sostitwit b’dan li ġej:

“1. Minkejja r-regoli applikabbli dwar ir-rapportar, il-kunfidenzjalità u s-segretezza professjonali, il-persuni, entitajiet u korpi fiżiċi u ġuridiċi għandhom:

“(a) jipprovdu immedjatament kwalunkwe informazzjoni li tiffaċilita l-konformità ma’ dan ir-Regolament, bħal informazzjoni dwar kontijiet u ammonti ffriżati f’konformità mal-Artikolu 2 informazzjoni dwar fondi u riżorsi ekonomiċi fit-territorju tal-UE li jappartjenu, huma sjieda, jinżammu jew huma kkontrollati minn persuni fiżiċi jew ġuridiċi, entitajiet jew korpi elenkati fl-Anness I u li għadhom ma ġewx iffriżati mill-persuni fiżiċi u ġuridiċi, entitajiet u korpi obbligati li jagħmlu dan, lill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru fejn huma residenti jew jinsabu, u għandhom jittrażmettu tali informazzjoni lill-Kummissjoni direttament jew permezz tal-Istat Membru; kif ukoll

(b) jikkooperaw mal-awtorità kompetenti biex tali informazzjoni tiġi vverifikata b’kull mod.

(6) Fl-Artikolu 8 għandhom jiddaħħlu il-paragrafi li ġejjin:

“1 a. L-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri, inklużi l-awtoritajiet tal-infurzar u l-amministraturi tar-reġistri uffiċjali fejn ikunu rreġistrati persuni fiżiċi, persuni ġuridiċi, entitajiet u korpi kif ukoll proprjetà immobbli jew mobbli, għandhom jipproċessaw u jiskambjaw informazzjoni li tinkludi *data* personali, ma’ awtoritajiet kompetenti oħra tal-Istati Membri u mal-Kummissjoni Ewropea.

1b. Kwalunkwe pproċessar ta’ *data* personali għandu jsir f’konformità mar-Regolament preżenti, ir-Regolament (UE) 2016/679 u r-Regolament (UE) 2018/1725 biss sa fejn ikun meħtieġ għall-applikazzjoni ta’ dan ir-Regolament u sabiex tiġi żgurata kooperazzjoni effettiva bejn l-Istati Membri kif ukoll mal-Kummissjoni Ewropea fl-applikazzjoni ta’ dan ir-Regolament.”

(7) L-Artikolu 9 huwa sostitwit b'dan li ġej:

“1. Il-parteċipazzjoni b'mod konxju u bi ħsieb, f'attivitajiet li għandhom l-għan jew l-effett li jevitaw il-miżuri msemmija fl-Artikolu 2 għandha tkun ipprojbita.

2. Persuni fiżiċi jew ġuridiċi, entitajiet jew korpi ddeżinjati, elenkati fl-Anness I, għandhom;

(a) forniment qabel [*ĠU: jekk jogħġbok daħħal id-data 6 ġimgħat wara d-dħul fis-seħħ ta’ dan ir-Regolament*] jew fi żmien 6 ġimgħat wara l-elenkar tagħhom, skont liema jiġi l-aħħar, kwalunkwe informazzjoni dwar fondi jew riżorsi ekonomiċi fil-ġurisdizzjoni tal-UE li jappartjenu, huma proprjetà, jinżammu jew huma kkontrollati minnhom, lill-awtorità

kompetenti tal-Istat Membru fejn jinsabu dawn il-fondi jew riżorsi ekonomiċi, u għandhom jittrażmettu tali informazzjoni lill-Kummissjoni direttament jew permezz tal-Istat Membru; kif ukoll

(b) jikkooperaw mal-awtorità kompetenti biex tali informazzjoni tiġi vverifikata b'kull mod.

3. In-nuqqas ta' konformità mal-paragrafu 2 għandu jitqies bħala parteċipazzjoni f'attivitajiet li għandhom l-għan jew l-effett li jevitaw il-miżuri msemmija fl-Artikolu 2.

5. Kull informazzjoni addizzjonali li l-Kummissjoni tirċievi direttament għandha titqiegħed għad-dispożizzjoni tal-Istati Membri.

6. Kull informazzjoni pprovduta jew riċevuta f'konformità ma' dan l-Artikolu għandha tintuża biss għall-finijiet li għalihom tkun ingħatat jew ġiet riċevuta."

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Kunsill
Il-President